DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR191287** **10.06.2019**

**STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

***Ħatra ta' membru ġdid tal Kamra tad-Deputati***

Fis-seduta parlamentari tal-10 ta' Ġunju 2019 imtela l-post li tbattal fit-13-il Distrett Elettorali bir-riżenja ta' David Stellini.

Dan il-post imtela skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament 22 tar-Regolamenti tal-1991 dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali fit-Taqsima III tat-Tlettax-il Skeda tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali, Kap. 354. Skont dan il-provvediment tal-liġi, il-Kamra rriżolviet b'mod unanimu li l-Avukat Kevin Cutajar jiġi magħżul biex jimla l-imsemmi post battal fit-13-il Distrett Elettorali tal-Kamra tad-Deputati.

Il-mozzjoni ġiet imressqa mill-Kap tal-Kamra, id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa Chirs Fearne u ġiet sekondata mill-Kap tal-Oppożizzjoni Adrian Delia.

Minnufih wara li għaddiet il-mozzjoni, l-Avukat Kevin Cutajar ħa l-ġurament ta' lealtà bħala Membru tal-Kamra quddiem id-Deputy Speaker Claudette Buttigieg.

**Attachments: photos** 

3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775

**press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt**